Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IS-SEBAT LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 89**
**Il-Hamis 16 ta' Mejju 2019**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku (hareg fit 07:30 pm)
Matthew Agius – Kunsillier (Hareg 7:30pm)
Alan Abela Wadge – Kunsillier (Dahal 7:30pm)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**89.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;**

89.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge, li talab li jkun skużat, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

89.1.02 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

89.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L7-86 ittieħdu bħala moqrija, u kien hemm korrezzjoni f'minuta 88.4.06.
Il-minuti ġew approvati, unanimament.

**89.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

89.3.01 Ma kienx hemm Kommunikazzjoni.

**89.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

89.4.01 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar l-applikazzjonijiet għall- passaport anzjan (Ċirkulari AKL 2019/039), biex ir-residenti japplikaw.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma hemmx is-sistema installata biss jekk jiġu r-residenti qed jintalbu d-dettalji, biex meta jkunx hemm is-sistema dawn ssir kuntatt magħhom ħalli jkunu jistgħu japplikaw.

89.4.02 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta, għall ittra ta'twissija uffiċjali lill- Kuntrattur tal-Knis.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma ġietx risposta. Għalkemm jidher li fejn qed jiġi rappurtat qed tittieħed azzjoni, biss għad hemm bżonn aktar moniteraġġ b' mod speċjali l- qtugħ tal- ħaxix.

89.4.03 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta għall ittra / appell uffiċjali, li ntbagħtet lill- LESA fuq ċitazzjoni lill-residenta ta'Triq D'Argens.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal- ġurnata ta' llum, għadha ma ġietx risposta.

89.4.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet dwar il-kompetizzjoni '' Xettel b'ilwien in-Natura ''
Is-Sur Lino Bartolo qal li tħawlu l-fjuri kif propost fi' Sqaq il-Wied iżda għad fadal x' jsiru Triq il-Kunċizzjoni u San Lwiġi jekk ikun hemm interess mir-residenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill bagħat ittra li residenti ta'toroq msemmija iżda sal- ġurnata ġiet risposta waħda.
Il- Kunsilliera preżenti ddiskutew, u qabblu li jaraw x jkun l-interess u skond dan jinġabu l-pjanti biex jitqassmu.

89.4.05 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il- linji gwida, għall- installazzjoni ta' Bicycle racks.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li se jerġa jibgħat iċ-ċirkulari.

89.4.06 Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq xi marki ħomor, fuq il bankina ta'Princess Margaret fejn spjega li dawn ma jidhrux sewwa, u x-xaqliba li hemm ma hiex tajba biex jgħaddu n-nies minn fuqha.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li jekk dawn mhux se jagħmlu kif suġġerit mill-Periti tal-Kunsill mhux se ssir no objection għall- PA/00876/17.

89.4.07 Is-Sur Maurice Agius, staqsa fuq r-reserved parking, ġo Triq Kalcidon Schembri li għadu hemm.
Is-Segretarju wieġeb li għadu qed jistenna mis-sezzjoni ta' TM konċernata, u se jipprova jitlob permess biex jaqbad u jibgħat lill- ħaddiema assenjati tal-Kunsill biex ineħħuha.

89.4.08 Is-Sur Maurice Agius staqsa, jekk il-perit ġietx tara ix-xogħol tal-kuntrattur fuq ir-rampi go Triq Rue D'Argens u Triq Tabib Robert Naudi.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġiet u bagħtet lista ta' osservazzjonijiet u nuqqasijiet fuq it-tlett bankini.

89.4.09 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk is-surveyor bagħatx risposta għall- email li ntbghatet fuq l-żbalji ta'xogħol fuq il-Belvedere ta'Triq Indri Grima biex fil-każ jekk le tintbagħat reminder.
Is-Segretarju wieġeb li għadu ma ħa l-ebda tweġiba u se jibgħat reminder.

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il- kwistjoni ta' dan il kuntrattur fejn staqsa jekk id-dipartiment, bagħatx risposta fuq l-ittra għall direzzjoni u jekk kienx hemm żviluppi ġodda minn naħa tal-kuntrattur.
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il- mejda u qara żewġt ittri reġistrati li bagħat lill kuntrattur dwar ix-xogħolijiet li għadhom mhux ċertifikati ta'Triq il-Baċir, Triq Tabib Robert Naudi, u Triq D'Argens u oħra dwar ix-xogħol ta' Triq Indri Grima. Ma dawn kien hemm ir-risposti tal-kuntrattur fejn kien qed jikkonferma li qed jaċċetta li jrodd lura id-diskrepanza fuq l-għamara u li jekk hemm problemi u nuqqas ta' qbil fuq il-qisien biex dawn jiġu indikati u diskussi mall-Kunsill filwaqt li qed jaċċetta li jitqabbad surveyor ieħor biex jerġgħu jittieħdu dawn il-qisien. Hawn kompla jispjega li il-kuntrattur mhux f'pożizzjoni li jrodd lura l-ammont kollu iżda għamel ħlas ta' 2000 Euro biex inaqqas parti mill-bilanċ. Hu talab biex il- kumplament ikunu jistgħu jitnaqqsu mill-ammonti oħra tal- kontijiet ta'xogħol pendenti li għadhom ma ġewx preżentati.

Is-Sur Charles Selvaggi għamel osservazzjoni fuq dak li kiteb il-kuntrattur fejn qal li għall- kuntrarju, li qal il-kuntrattur kien hu li staqsa għall-quantity surveyor u mhux is-Sur Lino Bartolo.
Is-Sur Lino Bartolo qal li għalkemm, dan fi-ċert għandu jrodd lura l-ammont il-Kunsill ma għandux iżżomm l-ammonti kollha għax nitfgħu f'diffikultà lil kuntrattur.
Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u qabblu li sakemm ikunu ċertifikati il-kontijiet pendenti għas-sodisfazzjon tal- Kunsill dawn mhux se jitħallsu.

89.4.10 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa, jekk kienx hemm aktar żviluppi dwar l-appell minn sid ta' dgħajsa għad-deċiżjoni tal-Kunsill meħuda waqt Laqgħa L7-87.5.04.
Is-Segretarju wieġeb li l- avukat tal-Kunsill, tkellem ma l-avukat tas-sid id-dgħajsa fejn iddiskuta, magħha il-Bye Law iżda għadu ma seħħ l-ebda żvilupp ieħor.

89.4.11 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar bankina temporanja fi Triq Clarence.
Is-Sur Emmanuel Brincat wieġeb li reġa' kellem lill- kuntrattur iżda dawn għadhom qed jistennew mingħand il-Go, għax hemm manhole għas-servizzi u ma jistgħux jagħtuha.

89.4.12 Is-Sur Maurice Agius staqsa, meta se ssir il-keep clear ma ġenb il- Knisja għax din għada qed tiġi abbużata.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li din jekk ma jinqala xejn għandu jibda ix-xogħol fuqha l-għada.

89.4.13 Is-Sur Maurice Agius staqsa, jekk il-LESA jistgħux jagħmlu infurzar fuq il-Loading and Unloading ġo Triq il-Prinċipessa Margaret minhabba l din għada qed tiġi abbużata, minn vettura waħda.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota, biex jikteb.

89.4.14 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-permess għall- Malta 3 X 3 Championship.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ġew infurmati bil- kundizzjoni li vetturi li jintużaw għall- ġarr tal- apparat sportiv, joqgħodu biss fil- pjazza sakemm dawn iħottu u jgħabbu biss u wara johorgu mill- Pjazza. Ukoll ghal waqt l-attività', dawn ġew infurmati li ma jistgħux iħallu l-vettura promozzjonali bl-ispeaker fil-Pjazza.

89.4.15 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar artiklu fuq żvilupp ġo Swatar li deher f'gazzetta lokali jekk hux l-stess, kif diskuss fil-laqgħa preċedenti PC 00139/18 għall- żvilupp ġo żona bejn Triq is-Swatar, Triq Sant' Andrija, Triq Dun Karm, Triq Indrì Grima u Triq Mons Innocent Żammit.

Is-Sur Emmanuel Brincat wieġeb li dan huwa l-stess, u spjega li diġà' tkellem mal- Perit tal-Kunsill biex jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu, u biex il-Kunsill ikun involut fil-konsultazzjoni li għad rrid ikun hemm, fuq din id- development zone.

89.4.16 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar is-sehem tal-Kunsill fl-attività' kulturali għall-żmien il-Ġimgħa il-Kbira, qal li 150 Euro mhux biżżejjed biex ikopru l-ispiża.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-Kunsill ha ħsieb l-spejjeż biex jiżbarazza fejn kien hemm mas-60 pallet, u bosta laned oħra tal-plastik.

Il-Kunsill iddiskuta u approva, ħallas addizzjonali sa' massimu ta'43 Euro.

89.4.17 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa, jekk sarx il-pagament tal-kera mill-FSWS.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal- ġurnata daħal l-ewwel ħlas ta'10,000 Euro.
Is-Sur Lino Bartolo qal li l-poġġamann issa lest u għalhekk jekk ma titħallasx is-somma kollha skond il-kuntratt dan ma għandux jitħalla jiftaħ.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li se jiżgura li l-FSWS tkun konformi.

89.4.18 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' tagħrif mitlub f'minuta 88.5.10 dwar l-allowance ta' ħaddiem, assenjat inkarigat b'superviżjoni .
Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u qabblu unanimament li dan għandu jingħata' żieda għar- responsabiltà' li qed iġorr, u approvaw li din għandha tiżdied b'50% ta'dak li qed ġa jieħu b'effett minn Marzu 2019.

89.4.19 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hemmx pjanti għall- proġett tal-Promenade ta' Xatt Ta'Xbiex u jekk il-bicycle lane proposta hiex se tkun flok il-parkeġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li dan il-proġett ittieħed u se jkun kollu ffinanzjat mill- GHRC u ma għandux pjanti ta' kif dan ġie propost.
Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar is-siġar u staqsa għala mhux se jsir railing u jinħoloq periklu għax jaqa' xi ħadd, hawn kompla jsaqsi, jekk hux se ssir konsultazzjoni mal-Kunsill, kif ukoll biex nitolbu l-pjanti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li bicycle lane se tiġi l- ġewwa mill- parkeġġ u l-bankina se tibqa' l-stess qies ghax se tikber minn naħa tal-baħar. Dwar is-siġar u railing dak tarah il- PA filwaqt li ġo lokalitajiet bħal Marsaxlokk u Bormla ma hemmx railings.
Is-Sur Alex Sciberras qal li tajjeb li wieħed iqis li l-Gvern Ċentrali ilu l-fuq minn 20 sena ma jagħmel xi proġett ġo l-Imsida, Għalkemm jaqbel li u jemmen li għad trid ssir xi forma ta'konsultazzjoni dan jibqa' proġett Governattiv .
Is-Sur Charles Selvaggi qal li jidher li hemm qbil li ssir il-proġett imma jista' jkun hemm konsultazzjoni.

89.4.20 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem u xtaq jirringrazzja lill Ħaddiema tal-Kunsill li qed jirrispondu għat-talbiet ta'xogħol li jkun hemm bżonn.

89.4.21 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem u staqsa dwar is-sleeping police ġo Triq il-Primcipessa Margertita għax kien hemm min qal li ma ffirmax għalija. Hawn kompla jsaqsi jekk il-liġi tgħidx, rrid ikun hemm kunsens mir-residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma hemm xejn fir-regolamenti u din hija proċedura li adotta il-Kunsill, ħalli wara ma jkunx hemm ilmenti minħabba l-storbju li din tagħmel.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li kienu r-residenti stess li ffirmaw u talbu biex din ssir u TM approvat u ħarġet struzzjonijiet ta kif din trid ssir. Kif jidher fuq l-applikazzjoni hemm il-firem ta'nies u wara li saret dawn reġgħu ffirmaw biex titneħħa u għalhekk din tneħħiet.

89.4.22 Is-Sur Lino Bartolo talab biex ssir objection PA 582/18 biex ma taqax u tinżamm l-stess faċċata.
Is-Segretarju Eżekuttiv, ħa nota.

89.4.23 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar;

Il-fanal ta'Victor Denaro.
Il-katnazzi tal-Għajn tal- Ħasselin.
Id-dawl fil- gazebo tal- Bandli.
Id-Dawl maqtugħ fi Triq ta' Mater Dei.
Biex issiru toqob fil- globu tal fanali, ħalli ma jżommux ilma.
Il-Bankina ta' Triq is-Sarġ biex il-kuntrattur ta'Infrastructure Malta jagħmel l-kurduna, issir maqluba quddiem kull garaxx.
Is-Segretarju Eżekuttiv, ħa nota.

89.4.24 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera preżenti li minħabba l-elezzjonijiet tal-kunsilli u z-żmien qasir li hemm għall -kunsill il-ġdid, biex jipprepara għax- xogħol marbut mal- festa u Jum l-Imsida. Minħabba li dan ix-xogħol jinvolvi ċertu preparamenti dan ma jistax jistenna l-kunsill ġdid u se jmexxi fuq l-stess linji tas-sena preċedenti.

**89.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali, li jkunu meħtieġa;**

89.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- Mejda talba mill-Kumitat tal-Klabb tal-Boċċi biex issir attività' tombla fuq numru ta' ġranet fil- Ġnien 5 ta'Ottubru.
Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u approvaw, li dawn issiru bl-stess kundizzjonijiet bħal ta'sena 2018.

89.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda talba minn resident biex jieħu materjal ta'bankina wżat mwarrab fil- Kunsill biex ikun jista' jirranġa parti mil-bankina ta' quddiemu. Li hija magħmula mill- stess materjal. Hu offra donazzjoni ta' 250 Ewro vouchers għall- xiri ta'kotba biex jintużaw fil- librerija lokali.
Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew, u qabblu unanimament.

89.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda talba mill-Għaqda Melita Band San Ġużepp biex jerġgħu ssiru it-toqob tal- arbli mad-dawra tal- Monument li ġew mogħtija bit-tarmak
Is-Sur Emmanuel Brincat wieġeb li se jitlob lill- Infrustructure Malta jieħdu ħsieb jgħidu lill kuntrattur li għamilhom ix-xogħol ħalli dawn jerġgħu ssiru.

89.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet, fuq il- Mejda talba mill-Għaqda Melita Band San Ġużepp biex jersqu lura it-toqob tal- arbli mad-dawra tal- barrier ġo Triq il Kunċizzjoni ma' D'Argens.
Is-Sur Emmanuel Brincat wieġeb li se jitlob lill- Infrustructure Malta, jekk jistgħux jieħdu ħsieb.

89.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- Mejda talba mill-Għaqda Melita Band San Ġużepp biex ssir BBQ, fit- 8 ta'Ġunju ġo Misraħ San Ġużepp fil-parti ta' wara fil- ġnien..
Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u approvaw.

89.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- Mejda talba mill-Għaqda Melita Band San Ġużepp biex ssir Tombla, fis- 6 ta' Ġunju ġo Misraħ San Ġużepp.

Il- Kunsilliera ddiskutew, u ma japprovawx li dan ssir fil parti ta'quddiem iżda pproponew li dan jista' issir fil-parti ta' wara fil- ġnien.

89.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- Mejda talba mill-Kummissjoni żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Melita Band San Ġużepp biex ssir BBQ fit- 13 ta'Lulju ġo Misraħ San Ġużepp fil-parti ta' wara fil ġnien..

Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u approvaw.

**89.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport, tal-laqgħat tal-Kumitat**

89.6.01 Ma kienx hemm, rapporti.

**89.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni, tal-iskeda ta' pagamenti;**

89.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-88 < dc 89 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn l-1 ta' Marzu, sa' 21 ta' Marzu. Għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondati mis-Sur Charles Selvaggi.
Il-Kunsilliera preżenti, approvaw unanimament.

89.7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-89 < dc 89 .7. 02 > ta' ħlasijiet bejn l-22 ta' Marzu sa' 16 ta' Mejju. Għall-approvazzjoni tal-Membri.
Peress li din hija l-aħħar seduta, tal-leġislatura saru provedimenti biex ikunu koperti is-salarji ta' Mejju u Ġunju. 89e u 89f
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Lino Bartolo, u s-sekondati mis-Sur Maurice Agius.
Il-Kunsilliera preżenti, approvaw unanimament.

**89.8 Tmiem tal-laqgħa u d- data, tas-seduta li jmiss.**

89.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:25 ta' filgħaxija, u data għas-seduta biex jiġu konfermati l-ahhar minuti ta'din il-leġislatura se tkun il-Ħamis 13 ta' Ġunju fil-05:30pm.

Minuti konfermati, illum 13 ta' Gunju 2019

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv